# Ix-Xemx u l-Qamar

Spallejh wiesa'
għonqu smin, dirgħajh qawwija
jaħdem, jagħnet il-jum kollu
sa fl-għaxija.

Bla tnikkir,
jaħdem, jagħnet il-jum kollu
ma' l-irġiel sħaħ u qawwija
jibnu w jgħollu.

Imma mbagħad
wara l-għejja w it-tbatija
jiġi r-rqad u s-serħan ħelu
ta' fl-għaxija.

Ix-xogħol iebes
l-Idijal tal-jum jissaffa,
fit-tagħniq u l-bews tal-mara
l-għatx jittaffa.

Xemx ir-raġel
postu x-xogħol u żmienu n-nhar
l-oħra l-qamar, xogħlha sserraħ
mill-imrar.

18/XII/'42

M. Mizzi